MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2009

Numru. 611/2009

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Theodosius sive Dennis Baldacchino, iben Emanuel, imwieled Pieta' fit-3 ta' Lulju, 1963
u
Andrea Baldacchino, iben Emanuel, imwieled Pieta' fil-25 ta' Jannar, 1965
u
Raymond Sciberras, iben John, imwieled Pieta' fit-28 ta' Frar, 1959

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputati talli f'Diċembru, 2008 u fis-snin immedjatament preċedenti f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, approprjaw ruħhom, billi dawwru bi profit għalihom

jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinajata lilhom taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u cioe' ma ħallsux lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta' €56,992.20.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2009 fejn rappresentant tad-Dipartiment tal-VAT informal ill-Qorti li l-imputati kienu ħallsu dak kollu dovut qabel il-bidu tas-smiegħ ta' din il-kawża u għalhekk id-dipartiment ma kellu ebda nteress f'din il-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkuża miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 18,293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputati ħallsu dak kollu dovut. Rat il-fedina penali tagħhom u l-ammissjoni bikrija. Għalhekk, tikkundannahom għal piena ta' sena priġunerija kull wieħed minnhom. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputati jikkomettu reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------